**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 10 ta' Dicembru, 2015**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 557/2015**

**Joseph sive Joseph Mary Grech**

**vs**

**Josef Grech**
**Doreen Spiteri f'isem proprju u bhala Direttrici ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjata kummercjali Dom Communications Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tad-9 ta' Gunju 2015 li jghid hekk:

I. PREMESSI
1. Premess illi r-Rikorrenti Attur Awtur huwa JOSEPH sive JOSEPH MARY GRECH: ID number 0229660M u jirrisjedi f'numru 285, Maria Bambina, Triq is-Sur, fil-Fgura u li huwa l-persuna li qieghed isostni bil-gurament tieghu li l-Proprjeta Intellettwali tieghu, ix-xoghol letterarju li ghalih sejjer isir referenza nsteraqlu permezz ta' Plagjarizmu mwettaq mill-Intimat/Konvenut JOSEF GRECH jew mill-Intimati/Konvenuti min minnhom: Vide id-Dokument JMG1 fir-Raba' Taqsima ta' din il- kawza (Elenku ta' Dokumenti).

2. Premess illi kif jirrizulta mid-dokument hawn mehmuz, Dokument JMG2 skont kif jirrizulta mir-Raba' Taqsima ta' din il-kawza (Elenku ta' Dokumenti) ir-Rikorrenti Attur Awtur ghamel Stqarrija Guramentata li fiha seba' faccati, liema Stqarrija Guramentata ghandha titqies bhala parti ntegrali minn din il-kawza odjerna u fl-Affidavit tieghu r-Rikorrenti Attur fisser fil-qosor imma dettaljat b'mod konciz il-fatti li a bazi taghhom giet intavolata din il-kawza u li a bazi taghhom qed isiru t-Talbiet fil-kawza u li a bazi taghhom thejjiet il-Lista ta' Xhieda u l-Elenku ta' Dokumenti, u ghaldaqstant l-erba' Taqsimiet ta' din il-kawza ghandhom jitqiesu bhala dokument

wiehed ghal kull bon fin fil-fatt u fid- dritt: Vide Dokument JMG2 hawn mehmuz fir-Raba' Taqsima ta' din il-kawza, Elenku ta' Dokumenti.

3. Premess illi r-Rikorrenti Attur Awtur madwar sbatax-il sena ilu, fis-sena 1998 ippubblika x-xoghol letterarju tieghu, Proprjeta Intellettwali bl-isem ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex" (ISBN: 99909-0-102-3) u dan mas-Socjeta Kummercjali maghrufa bl-isem ta' PEG ta' San Gwann, liema Socjeta Kummercjali odjernament ghalqet u kienet ghaddiet in likwidazzjoni u gew mahtura diversi Stralcjatarji anke sa mis-sena 2009 ossija aktar minn sitt snin ilu u din il-Premessa hija relevantissima fid-dawl ta' dak li sejjer jinghad.

4. Premess illi huwa importanti li jigi ccarat illi s-Socjeta Kummercjali maghrufa bl-isem fil-qosor ta' PEG kienet dahlet fi ftehim mar-Rikorrenti Attur Awtur illi ghal numru limitat ta' snin, mhux aktar minn tliet snin mid-data tal-pubblikazzjoni tax-xoghol letterarju tar-Rikorrenti Attur Awtur kellu jkun f'idejn il-kumpanija u sussegwentement u bil-logika d-Dritt tal-Awtur (Copyright) tar-Rikorrenti Attur Awtur kellu jirreverti lura ghand ir-Rikorrenti Attur Awtur wara li jiskadu l-ewwel tliet snin u ghaldaqstant mis-sena 2001 lil hawn, id-Dritt tal-Awtur tar-Rikorrenti Attur Awtur rega' gie f'idejn ir-Rikorrenti Attur Awtur odjern: Vide d-Dokument JMG3 hawn mehmuz mal-Elenku ta' Dokumenti fir-Raba' Taqsima tal-kawza odjerna.

5. Premess illi rilevanti hafna oltre dak li qed jinkiteb artikolu 9 tal-Ftehim datat 16 ta' Mejju tas-sena 1998, sbatax-il sena ilu u fuqhom fejn il-Publishers Enterprises Group (PEG) Limited ta' San Gwann enfasizzaw 'the company is hereby authorised to take any legal measures it may deem fit on its own behalf and on behalf of the second party against anybody who publishes in any place or country whatsoever the whole or part of this edition without the company's consent in writing': Vide Dokument JMG3 hawn mehmuz fir-Raba' Taqsima ta' din il-kawza (Elenku ta' Dokumenti).

6. Premess illi mal-medda tas-snin, ir-Rikorrenti Attur Awtur hass il-htiega li jippublika t-tieni edizzjoni tal-Proprjeta Intellettwali tieghu tal-1998 u ghalhekk hejja l-materjal biex tinhareg it-tieni edizzjoni tax-xoghol tieghu "Vari ta' Malta u Ghawdex" aggornat b'aktar taghrif dwar aktar vari ta' Malta u Ghawdex b'dettalji wkoll aktar raffinati fir-rigward tal-materjal li kien inkiteb ghall-ewwel edizzjoni.

7. Premess illi peress li l-Publishers Enterprises Group (PEG) sadanittant kienet ghalqet u ghaddiet in linkwidazzjoni, ir-Rikorrenti Attur Awtur fittex pubblikaturi ohrajn u avvicina lid-ditta serja u kredibbli tal-Book Distributors Limited ukoll ibbazata fil-lokalita ta' San Gwann u dawn gharrfuh illi huma kienu diga ippubblikaw xoghol iehor u huma gharrfuh li huma ma setghux jistampawlu t-tieni edizzjoni billi diga kien hemm xoghol simili bl-isem ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex" li huma kienu ghinu biex qassmu fis-sena 2014 u dan dahhal suspetti fil-mohh tar-Rikorrenti Attur Kontenut biex jinvestiga daqsxejn x'kienet din il-kwistjoni li kien hemm xoghol iehor ippubblikat bl-istess isem bhal tal-ktieb tieghu ossija "Vari ta' Malta u Ghawdex" li sussegwentement skopra kien allegatament xoghol ta' certu JOSEF GRECH: ID number 267081M u li ufficjalment jirrisjedi f'numru 18, Sqaq tal-Baggi, gewwa z-Zejtun.

8. Premess illi malli sar jaf b'dan it-taghrif dwar is-serq tal-Proprjeta Intellettwali tieghu, ir-Rikorrenti Attur Awtur ghamel investigazzjonijiet intensivi anke man-

National Library of Malta w entitajiet ohra u skopra li effettivament kien minnu li certu JOSEF GRECH: ID number 267081M b'indirizz irregistrat numru 18, Sqaq tal-Baggi, gewwa z-Zejtun (li mbaghad skopra li dan Josef Grech kien gia misjub hati minn sentenzi ta' Qorti bhala Frodista u anke ghamel zmien fil-Facilitajiet Korrettivi ta' Kordin), minn dan l-istharrig ir-Rikorrenti Attur Awtur skopra li kienet giet ippublikata pubblikazzjoni bl-istess isem bhal ktieb tieghu ossija "Vari ta' Malta u Ghawdex" b'layout icken u dan presumibilment billi dak li gie kkuppjat jidher li gie skennjat ma kienx johrog prezentabbli kieku dan l-Intimat Josef Grech ippublikah fil-format A4 imma effettivament ippublikah fil-format icken u dan kif jirrizulta anke minn xebh u analizi taz-zewg pubblikazzjonijiet liema pubblikazzjoni allegatament mill-Intimat JOSEF GRECH saret fis-sena 2014 ossija sittax-il sena wara li r-Rikorrenti Attur Awtur odjern ipprezenta x-xoghol tieghu.

9. Illi referenza ghar-Raba' Taqsima ta' din il-kawza odjerna fl-Elenku ta' Dokumenti turina bic-car il-pubblikazzjoni li allegatament ghamel l-Intimat JOSEF GRECH u l-pubblikazzjoni li kien ghamel sittax-il sena qabel ir-Rikorrenti Attur Awtur imma li sfortunatament minhabba li l-edizzjoni kollha kif stampata fl-1998 inbieghet, ir-Rikorrenti Attur Awtur ma kellux kopji biex jesebixxi lil din il-Qorti imma ghamel fotokopja tal-original tieghu bil-kulur fedelment riprodotta u l-ktieb originali (billi r-Rikorrenti Attur Awtur kull ma baqghalu zewg kopji biss) jintwera lil Qorti imma kopja fotostatika tax-xoghol originali qeghda tigi skont il-ligi wkoll notifikata flimkien mad-Dokumenti l-ohra lill-Intimati fosthom Josef Grech: ID number 267081M.

10. Illi wara li r-Rikorrenti Attur Awtur ikkonferma li x-xoghol tieghu kien effettivament gie plagjarizzat minn dan Josef Grech jew minn min mill-Intimati (peress illi hemm indikat l-allegat xoghol ta' Josef Grech li d-drittijiet tal-edizzjoni kienu tas-Socjeta Kummercjali Dom Communications Limited) li d-Direttrici taghha hija l-Intimata l-ohra Doreen Spiteri w ghaldaqstant Doreen Spiteri hija ugwalment responsabbli u qeghda tigi ntimata ufficjalment f'isimha proprju u bhala d-Direttrici attwali tas-Socjeta Kummercjali Dom Communications Limited anke kif jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association fl-Elenku tad-Dokumenti.

11. Premess illi wkoll interessanti li Dom Communications Limited, Doreen Spiteri, u l-ghaqda Duminku Mintoff kollha effettivament jinsabu alloggjati fl-istess post fi Triq il-Harrigiet gewwa l-Imqabba bin-numri 42 u 44 jirriflettu l-bieb u l-garage biex ovvjament joholqu l-impressjoni li dawn huma zewg residenzi meta fil-fatt din hija l-istess residenza u ghaldaqstant l-Intimata Doreen Spiteri de proprio et nomine qed tigi notifikata fl-Indirizz 42/44 fi Triq il-Harrigiet, gewwa l-Imqabba.

12. Illi, ghaldaqstant, ghandha ssir referenza bl-aktar mod intensiv ghad-Dokumenti kollha esebiti fir-Raba' Taqsima ta' din il-kawza, liema Raba' Taqsima ghandha tigi meqjusa bhala parti integralissima ta' dawn il-Premessi u t-Talbiet li sejrin isegwu u dwar dan ir-Rikorrenti Attur Awtur irid jaghmel enfasi kbira.

13. Illi kien ghalhekk li nhar it-Tlieta, 12 ta' Mejju, 2015, jigifieri kwazi ezatt sbatax-il sena wara li l-pubblikazzjoni tar-Rikorrenti Attur Awtur giet ippubblikata fl-1998, li r-Rikorrenti Attur Awtur baghat Ittra Ufficjali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili lil seba' entitajiet imma ndirizzata l-aktar lil Doreen Spiteri de proprio et nomine u lil Josef Grech fil-kapacita tieghu personali bhala l-entitajiet responsabbli ghas-serq permezz

tal-Plagjarizmu tal-Proprjeta Intellettwali tar-Rikorrenti Attur Awtur kif hawn qeghda tigi ndikata.

14. Illi kwantu ghall-Intimati l-ohra ossija l-Kummissarju tal-Pulizija, il-Book Distributors Limited, in-National Library of Malta flimkien mal-Avukat Generali tar-Repubblika huwa ovvju li l-intenzjoni ma kienetx li xi forma ta' responsabilita tigi mghoddija lil dawn l-entitajiet l-ohra imma dan tant huwa punt elementari u ovvju u logiku li r-Rikorrenti Attur Awtur kien ihoss li qed jinsulenta lil dawn l-entitajiet kieku b'xi mod assuma li huma qed jassumu li xi forma ta' responsabilita qeghda titqieghed fuq l-ghatba tal-"bieb taghhom" u ghalhekk ir-Rikorrenti Attur Awtur ma setax jifhem kif ditta serja u renomata bhas-socjeta kummercjali Book Distributors Limited setghet fehmet l-Ittra Ufficjali tat-12 ta' Mejju, 2015 bin-numru referenzjali 1690/15 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili f'sens differenti kif tindika l- Ittra Ufficjali mibghuta bhala risposta mill-istess Book Distributors Limited li fil-verita ma taghmilx sens billi l-kontenut tal-Ittra Ufficjali tat-12 ta' Mejju, 2015 huwa tant ovvju u evidenti x'kienu l-objettivi taghha u ghala kienu qed jigu mgharrfa bis-sitwazzjoni l-entitajiet l-ohra fosthom il-Book Distributors Limited illi iva effettivament hadu sehem biex iqassmu l-pubblikazzjoni tal-Plagjarista JOSEF GRECH kif qed jigi ndikat lil din il-wisq Onorabbli Qorti u kif jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

15. Premess illi l-Ittra Ufficjali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Mejju, 2015 hija hawn mehmuza bhala kopja fl-Elenku tad-Dokumenti u s-seba' entitajiet hemm indikati kollha gew notifikati kif jirrizulta anke mir-riferti li effettivament hemm fir-Registru ta' din il-wisq Onorabbli Qorti fejn jinzammu l-Ittri Ufficjali u li naturalment ikun jista' jikkonfermahom id-Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja jew ir-Rapprezentant tieghu meta jigu ngunti bhala xhieda.

16. Premess illi l-konsegwenzi tal-Ittra Ufficjali fil-Prim Awla tal-Qorti Civili da parti tar-Rikorrenti Attur Awtur tat-12 ta' Mejju, 2015 bin-numru referenzjali 1690/15 appena din giet notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, Doreen Spiteri de proprio et nomine, l-ghaqda Duminku Mintoff, Josef Grech, il-Book Distributors Limited, in-National Library of Malta, u l-Avukat Generali tar-Repubblika li naturalment giet ukoll imxandra fuq il-mezzi tal-komunikazzjoni lokali l-Intimat Konvenut Plagjarista Josef Grech: ID number 267081M wiegeb fil-Prim Awla tal-Qorti Civili permezz ta' Ittra Ufficjali Replikatorja li ghandha n-numru referenzjali 1798/15 u li din intbaghtet fit-18 ta' Mejju, 2015 anke jekk fuq l-Ittra Ufficjali hemm indikat id-data tal-15 ta' Mejju, 2015 u fejn naturalment kif mistenni minn dan il-Plagjarista Frodista Josef Grech cahad li huwa seraq ossija pplagjarizza x-xoghol tal-Proprjeta Intellettwali, il-ktieb letterarju tar-Rikorrenti Attur Awtur odjern.

17. Premess illi din l-Ittra Ufficjali bin-numru referenzjali 1798/15 ufficjalment datata 15 ta' Mejju, 2015 imma effettivament mibghuta mill-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar u ohtu l-Prokuratrici Legali Marie Clare Bartolo u kkonfermata mill-istess Intimat Josef Grech bin-numru tal-karta tal-identita 267081M din harget effettivament fit-18 ta' Mejju, 2015 u giet notifikata lir-Rikorrenti Attur Awtur u jidher ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija, lil Book Distributors Limited, lin-National Library of Malta, u lill-Avukat Generali tar-Repubblika fl-ufficcju tal-Avukat Generali fil-Palazz, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta: Kopja tal-Ittra Ufficjali bin-numru referenzjali 1798/15 mehmuza mal-Elenku ta' Dokumenti fir-Raba' Taqsima ta' din il-kawza.

18. Premess illi huwa ta' interess illi fl-Ittra Ufficjali Replikatorja tal-Plagjarista Josef Grech ID number 267081M, l-Intimat/Konvenut/Plagjarista jehmez diversi dokumenti fosthom li fl-1998 il-Publishers Enterprises Group (PEG) Limited kellha d-drittijiet tal-Awtur imbaghad Ittra altament redikola datata s-Sibt, 15 ta' Dicembru, 2012 indikata bhala Dokument B u ndirizzata lil PEG illi l-kontenut taghha huwa rrizorju billi evidentement inti ma tibghatx Ittra (jekk din l-Ittra tabilhaqq qatt intbaghtet) lil xi entita u taghmel bl-aktar mod arroganti u pruzuntuz l-assunzjoni li jekk ma jwiegbux allura dak li trid tiehdu, u ovvjament dan juri n-nuqqas ta' kredibilita da parti tal-Intimat/Konvenuti/Plagjarista Josef Grech. Dana strettament minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-PEG kienet snin li ilha li ghalqet qabel is-Sibt, 15 ta' Dicernbru, 2012, u diga kien hemm stralcjatarji mahtura skont il-procedura. Dan ifisser li dan id-Dokument B ma fih ebda kredibilita la bhala fatt u lanqas fil-ligi. Il-fatt illi skont il-ligijiet ta' Malta, il-Qorti hatret stralcjatarju u dan mill-anqas sa mis-sena 2009 juri bic-car kemm din l-Ittra qatt ma setghet intbaghtet lil PEG Limited u allura l-Intimat Konvenut Plagjarista Josef Grech qed jigi sfidat biex jipproduci dokumentazzjoni biex juri li vera tali Ittra ntbaghtet, u fuq liema bazi l-Intimat Konvenut Plagjarista wasal ghall-konkluzjoni li huwa seta' jaghmel li jrid bil-Proprjeta Intellettwali tar-Rikorrenti Attur Awtur.

19. Premess illi wkoll ir-Rikorrenti Attur Awtur permezz ta' Ittra Ufficjali Replikatorja ohra li ggib in-numru referenzjali 1824/15 bid-data tad-19 ta' Mejju, 2015, jigifieri sebat ijiem wara l-Ittra Ufficjali tar-Rikorrenti Attur Awtur odjern il-Book Distributors Limited maghrufa popolarment bhala BDL ta' numru 13, Giorgio Preca Street, San Gwann baghtet Ittra Ufficjali Replikatorja lir-Rikorrenti Attur Awtur li naturalment jindika car illi l-Book Distributors Limited ma fehmux il-kontenut tal-Ittra Ufficjali tar-Rikorrenti Attur Awtur tat-12 ta' Mejju, 2015 u fuq dan il-punt wiehed jieqaf hemm billi diga effettivament hemm tifsira fil-qosor fl-Affidavit tar-Rikorrenti Attur Awtur ossija Dokument hawn mehmuz JMG2 u anke aktar 'il fuq f'dawn il-Premessi.

20. Premess ukoll illi qeghdin jigu mehmuzin il-Memorandum and Articles of Association ta' Dom Communications Limited aggornati sal-5 ta' Mejju tas-sena 2015 u anke l-Memorandum and Articles of Associations tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Limited aggornati sal-20 ta' Mejju, 2015 u dan jindika bl-aktar mod car kif effettivament huma l-Intimati hawn indikati jew min minnhom responsabbli ghall-plagjarizmu tal-Proprjeta Intellettwali x-xoghol letterarju tar-Rikorrenti Attur Awtur mertu ta' din il-kawza odjerna.

21. Premess illi fl-Affidavit tieghu Dokument JMG2, ir-Rikorrenti Attur Awtur jiddeskrivi l-punti saljenti ta' fejn il-ktieb tieghu gie plagjarizzat mill-Intimati/Konvenuti jew minn min minnhom, liema Affidavit naturalment huwa parti ntegrali u mportanti hafna ta' din il-kawza odjerna.

22. Premess dan kollu, jghidu l-Intimati jew minn min minnhom ghala din il-wisq Onorabbli Qorti ma ghandhiex tidderiegi, tiddikjara u tordna illi:-

II. TALBIET TAR-RIKORRENTI

(a) Illi fl-ewwel lok ghandu jigi kkonfermat illi r-Rikorrenti Attur Awtur huwa il-proprjetarju tax-xoghol letterarju maghruf bl-isem ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex" li gie ppubblikat f'Mejju tal-1998, sbatax-il sena ilu mid-data li qeghda tigi ntavolata din il-

kawza, u li kien gie ippubblikat mis-Socjeta Kummercjali maghrufa bhala Publishers Enterprises Group (PEG) Limited.

(b) Illi ghandu jigi stabbilit li l-pubblikazzjoni l-ohra bl-isem ukoll ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex" hija l-allegat xoghol tal-Plagjarista JOSEF GRECH: ID number 267081M li giet ippublikata fis-sena 2014 mis-Socjeta Kummercjali Dom Communications Limited.

(c) Li bl-ghajnuna ta' esperti indipendenti jekk ikun il-kaz, din l-Onorabbli Qorti ghandha tistabbilixxi li s-similjanzi bejn il-pubblikazzjoni tar-Rikorrenti Attur Awtur tal-1998 u bil-pubblikazzjoni tax-xoghol allegatament mill-plagjarista Josef Grech fis-sena 2014 hemm similaritajiet bizzejjed li ma jistghux jammontaw ghal purament koincidenza imma huma ezercizzju dirett ta' agir ta' plagjarizmu da parti tal-Intimati jew minn min minnhom.

(d) Galadarba din il-wisq Onorabbli Qorti tikkonferma li l-Proprjeta Intellettwali tar-Rikorrenti Attur Awtur u l-allegat Proprjeta Intellettwali tal-Plagjarista Josef Grech jew l-Intimati jew minn min minnhom tas-sena 2014 hemm similjanzi bizzejjed li ma jhallu ebda dubju li hawn ghandna kaz kategoriku u carissimu ta' plagjarizmu, il-Qorti ghandha tiddikjara kategorikament dan il-fatt u cioe li l-allegat xoghol ta' Josef Grech bl-isem ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex" tal-2014 huwa xoghol li plagjarizza l-Proprjeta Intellettwali, ix-xoghol letterarju tar-Rikorrenti Awtur Attur tal-1998, u dan a bazi ta' konkluzjonijiet evidenti, similaritajiet li ma jistghux jigu kontradetti u jekk hemm bzonn konkluzjonijiet ta' periti nominati minn din il-wisq Onorabbli Qorti biex jaccertaw u jassiguraw dan il- fatt.

(e) Illi galadarba din il-wisq Onorabbli Qorti tistabbilixxi l-element ta' plagjarizmu fl-allegat xoghol ta' Josef Grech mix-xoghol letterarju tar-Rikorrenti Attur Awtur Joseph Mary Grech, din il-Qorti ghandha tghaddi biex tillikwida d-danni sofferti mill-istess Rikorrenti Attur Awtur, li qieghed isofri u li ghad jista' jsofri, u dan jekk hemm bzonn ukoll bl-ghajnuna ta' periti esperti f'dan il-qasam nominati minn din il-wisq Onorabbli Qorti.

(f) Illi jekk l-Intimati jew minn min minnhom jibqghu kontumacja, il-Qorti ghandha taghti l-provedimenti immedjati biex ma jintilef ebda zmien halli t-Talbiet f'din il-kawza jigu processati u d-danni li jirrizultaw likwidati u min ghandu jaghmel tajjeb ghal dawn id-danni fic-cirkostanzi.

(g) Illi din il-wisq Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara espressament illi l-allegat xoghol tal-Plagjarista Josef Grech bl-isem ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex", ippublikat fis-sena 2014 mis-Socjeta Kummercjali Dom Communications Limited huwa xoghol li pplagjarizza l-Proprjeta Intelletwali xoghol letterarju tar-Rikorrenti Attur Awtur Joseph Mary Grech li originarjament kien inghata l-isem ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex" ippublikat mill-PEG Limited fl-1998.

(h) Illi s-Socjeta Kummercjali Dom Communications Limited jew min jirraprezentaha ghandha tigi dikjarata responsabbli ghall-abbuz illi sehh fi plagjarar tal-Proprjeta Intellettwali tar-Rikorrenti Attur Awtur skont kif jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza u anke a bazi tad-Dokumenti esebiti u mehmuzin mal-Kawza odjerna fir-Raba' parti taghha u cioe Elenku ta' Dokumenti.

(i) Illi l-Qorti ghandha barra li tillikwida d-danni li jirrizultaw manifestament materjalment, tikkundanna wkoll Iill-Intimati jew min minnhom ghal danni ohra li jistghu jigu materjalment likwidati bhal per ezempju t-telf fir-reputazzjoni tar-Rikorrenti Attur Awtur, it-telf fil-valur tad-Dritt tal-Awtur (Copyright) tal-istess Rikorrenti Attur Awtur, u danni ohra Ii esperti fiI-qasam ikunu jistghu jillikwidaw fosthom illi minhabba l-allegat xoghol ta' Josef Grech, ir-Rikorrenti Attur Awtur gie rrifjutat milli jkun jista' jippublika t-tieni edizzjoni tieghu tax-xoghol letterarju Proprjeta Intellettwali tieghu "Vari ta' Malta u Ghawdex" u ghalhekk it-tieni edizzjoni ta' dan ix-xoghol qatt ma setghet tinhareg minhabba c-cirkostanzi inkwadrati f'din il-kawza odjerna.

(j) Illi l-Qorti ghandha tillikwida d-danni kollha potenzjali flimkien mal-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji inkorsi mir-Rikorrenti Attur Awtur u tordna lill-Intimati jew min minnhom jaghmlu tajjeb ghal dawn l-ispejjez.

(k) Illi l-Onorabbli Qorti ghandha tordna wkoll illi ufficjalment is-Socjeta Kummercjali Dom Communications Limited u Josef Grech ghandhom jirtiraw din il-pubblikazzjoni li plagjarizzat il-Proprjeta Intellettwali tar-Rikorrenti Attur Awtur li tigi rtirata mis-suq u li l-istess Intimati jew min minnhom jaghmlu dikjarazzjonijiet fuq il-mezzi kollha tal-komunikazzjoni u a spejjez taghhom ukoll igibu avvizi mill-anqas f'sitt siti differenti nkluz gumali u anke xandir li tali pubblikazzjoni tas-sena 2014 kien xoghol plagjarizzat u li qed jigi rtirat mis-suq, u dan taht penali jekk dan ma jsirx fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-wisq Onorabbli Qorti.

(l) Il-Qorti ghandha taghti dawk il-provedimenti kollha opportuni li jidhrilha xierqa u gusti li taghti a bazi tat-Talbiet tar-Rikorrenti Attur Awtur kif hawn fuq suesposti.

23. Bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji kontra l-Intimati jew min minnhom.

Illi b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2015 dina l-Qorti ddikjarat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci.

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota tal-intimati a tenur tal-artikolu 158(10) tal-Kap.12. Jigi rilevat illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, giet kontestata n-notifika, u jirreferi ghal fol. 275, 276 u 279 tal-process. Fil-fatt l-intimati rridu jirreferu ghal fol. 277 tal-process li hi ittra mibghuta minn Doris Buttigieg fejn tinforma lid-deputat registratur Gaetano Aquilina illi l-konvenut ilu ma jirrisjedi fl-indirizz 18 Baggi Lane, Zejtun ghal hames snin. Apparti li din l-ittra la hi konfermata tal-gurament u ma hemmx hjiel min hi Gaetana Aquilina, jirrizulta a tergo tal-envelope a fol. 279 li Gaetana Aquilina toqghod 4 Sqaq

Baggi, Zejtun. Din l-ittra ma tikkostitwixxi ebda prova kontra l-kontumacja tal-konvenuti.

In oltre l-Qorti tirreferi ghal ittra ufficjali tal-istess konvenuti mibghuta lil attur fit-18 ta' Mejju 2015 (fol. 205 tal-process) fejn l-indirizzi taz-zewg konvenuti huma indikati minnhom stess bhala dawk li fihom l-atturipprova jinnotifika r-rikors guramentat promotur. Ma' dan jizdied li r-riferti tal-purtier qabel saret il-procedura bl-affissjoni u pubblikazzjoni kienu jghidu li ma 'sab il-hadd' u mhux li xi hadd mill-konvenuti kien qed jirrisjedi band ohra. Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi s-sottomissjoni tal-konvenuti li n-notifika taghhom hi irrita u nulla tirrasenta l-frivolu u l-abusiv.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Kontumacja**

Skond il-ligi, ll-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd vs Philip Borg Bellanti et** (App Inf 22/06/2005):

> ... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehern bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hiex gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. (vide Kollez. Vol. XXIX P III p 351).
>
> Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs Brian Mizzi et noe** (App 27/03/1996) inghad:
>
> Illi jrid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci ma jitqiesx li ammetta t-talba tal-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvneut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta 'Jannar 1991:
>
> Il-Qorti ma ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta Ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni

fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smigh xieraq tal-kawza".

Ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe vs Lino Debono** (App 07/10/1997 u **Jefpet vs HSBC** (PA 20/05/2015).

**Provi**

Fil-kaz in ezami l-attur xehed li l-kumpannija li ppubblikat il-ktieb tieghu. PEG kellha id-dritt tal-awtur ghal tliet snin u wara li ghaddew dawn it-tlett snin hu reggha ha f'idejh il-copyright (ara kuntratt tas-16 ta' Mejju 1998 esibit para. 13).

Ighid li hu ha r-ritratti tal-vari li jidhru fil-ktieb tieghu meta tkun il-festa biex il-vara tkun l-isbah u fl-ahjar taghha, armata fil-knisja.

F'dan il-ktieb kellu 91 ritratt ta' vari, mentri fit-tieni edizzjoni, li kien se johrog kellu 132. Meta ikkuntattja il-BDL biex jippubblikalhu t-tieni edizzjoni tal-ktieb, dawn qalulu li diga kien hemm ktieb iehor bl-istess isem fis-suq li hareg fl-2014 mill-intimati.

Irrizultalhu li l-qoxra tal-ktieb mad-daqqa t'ghajn hija simili ghal tieghu u l-isem tal-ktieb huwa l-istess. apparti li ghandhom isem u kunjomu kwazi identiku. Fil-ktieb tal-intimat minn pagna 13 sa 73 hemm ritratti u informazzjoni dwar 60 vara li minnhom 50 huma l-istess jew skenjati jew ritratti mehudin minn fuq tieghu, (83%). L-informazzjoni dwar 59 minn dawn il-vari hija l-istess kelma b'kelma (98%) (ara pagni 19 sa 78 tal-ktieb tal-attur). L-intimat f'pagni 75 sa 89 hmistax ir-ritratt huma kkupjati minn pagni 81-95 tal-ktieb tieghu. F'pagni 91 sa 101 tal-ktieb tal-intimat hemm 11-il ritratti u informazzjoni li huma identici ghal dawk fil-ktieb tieghu minn pagna 99 sa 109. F'pagni 103 sa 107 tal-ktieb tal-intimat hemm 4 ritratti simili ghal dawk fil-ktieb tieghu minn pagna 113 sa 117 u l-informazzjoni hija identika. Ghalhekk 88% tar-ritratti huma identici u 99% tal-informazzjoni hija kkupjata kelma b'kelma.

Illi dina l-Qorti kkostatat dak li xehed l-attur u fil-fatt dan huwa korrett kemm fir-rigward tal-kopji lampanti tar-ritratti tal-vari li l-attur ha kif ukoll tal-ikkupjar tal-

informazzjoni li tinsab fil-ktieb tal-attur. Dan jammonta ghal plagiarism li hu definit bhala 'an act or instance of using or closely imitating the language and thoughts of another author without authorization and the representation of that author's work as one's own, as by not crediting the original author'.

Illi l-attur ghamel il-prova li x-xoghol tieghu gie kkupjat mill-intimati u ghalhekk kien jispetta lill-intimati biex jikkontestaw dina l-prova u jispjegaw ghaliex ix-xoghol taghhom huwa daqstant simili jew mhux identiku ghal dak tal-attur.

Illi ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li l-allegat xoghol ta' Josef Grech bl-isem ta' "Vari ta' Malta u Ghawdex" tal-2014 huwa xoghol li plagjarizza l-proprjeta intellettwali, ix-xoghol letterarju tar-rikorrenti tal-1998, u ghalhekk it-talba tieghu timmerita li tigi milqugha.

Kwantu ghal dak li wiegbu l-intimati fl-ittra ufficjali tal-15 ta Mejju 2015 u b'referenza ghall-ittra tal-intimat datata 15 ta' Dicembru 2012 indirizzata lil PEG il-Qorti tirrileva li dina ma ghandiex mertu billi kien inutili ghall-intimat li jitlob lil PEG biex tawtorizzah jikkopja partijiet mill-ktieb tal-attur billi PEG ma kienx ghad ghandha l-copyright tal-ktieb, apparti li meta l-intimat kiteb lil din l-kumpanija hi kienet diga likwidata (ara dokumenti a fol. 215 et seq.). Jigi notat li l-intimat mhux biss ha xi informazzjoni kif talab imma ikkopja kollox kif jirrizulta mill-provi prodotti.

Kwantu ghar-responsabilita ta' Doreen Spiteri jirrizulta li din ghan-nom ta Dom Communications Limited kienet irriservat id-dritt tal-awtur fil-ktieb li ppublikaw ghalhekk hija responsabbli wkoll bhal intimat l-iehor. Hija wkoll personalment responsabbli billi fil-ktieb hemm similaritajiet bizzejjed u lampanti li ma jistghux jammontaw ghal pura koincidenza imma ezercizzju dirett ta' plagjarizmu da parti taghhom li jammonta ghal frodi. L-intimata Spiteri ghalhekk ghandha twiegeb ukoll personalment u solidalment mal-intimat iehor Josef Grech.

**Danni**

Kwantu ghad-danni l-attur qed jitlob:

a) Percentagg ta' 12% profitt fuq 1500 ktieb - €3,600

b) Spejjez ritratti u tragitti €312.20

c) Spejjez ohra €79.20

Ghalhekk l-attur qed jitlob komplessivament is-somma ta' €3,991.40. Il-Qorti tqis li l-ispejjez ta' ritratti u tragitti u spejjez ohra (b u c) huma spejjez necessarji nkorsi ghal pubblikazzjoni tal-ktieb u ma jikkostitwux telf ghax hu assorbit fil-profit li solitament awtur jaghmel mill-bejgh tal-produzzjoni. In kwantu ghal telf ta' qliegh (a) l-attur qed iqis li ser ibiegh 1,500 ktieb pero minn imkien ma rrizultat prova ragonevoli li dan fil-fatt kien ser isehh. Il-Qorti tqis li ghandha diskrezzjoni takkorda danni arbitrio u boni viri ghal telf li l-attur ragonevolment sofra minhabba l-agir abusiv tal-konvenuti u li permezz tieghu l-attur tilef ammont ta' bejgh bil-pubblikazzjoni tieghu, u qed tillikwida din is-somma fl-ammont ta' €3,000.

Huwa jaghmel ukoll talbiet generic ohra ghal dritt ta' copyright, danni minhabba konfuzzjoni bejn l-identitajiet tal-awturi, danni ghas-sahha u l-ispejjez gudizjarji, liema talbiet il-Qorti tqis mhux kwantifikabbli ghax bla provi u ghalhekk mhux likwidabbli hlief ghall-ispejjez gudizjarji li jiffurmaw parti mis-sentenza fid-decide tal-Qorti.

**Decide**

Il-Qorti, fil-kontumacja tal-intimati, qeghda tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attur; tillikwida d-danni fl-ammont ta' €3,000, u tikkundanna lill-intimati biex solidalment bejniethom ihallsu l-ammont hekk likwidat. Tordna li x-xoghol in kwistjoni jigi rtirat mis-suq fi zmien xahar mil-lum. Spejjez kollha kontra l-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur